IT-TOPONOMASTIKA TA' MALTA:

# L-IMTAĦLEB

## U MADWARU

Alex Camilleri

**F'dan l-artiklu nixtieq nagħti ħarsa lejn il-kontrada mwarrba tal-Imtaħleb, li hija popolari ferm għall-mixjiet fil-kampanja qalb pajsaġġ li jpaxxi l-għajn u jserraħ il-menti.**

Peress li l-gżira ta' Malta hija mxaqilba waħda sew lejn il-Grigal, Ħad-Dingli u l-Imtaħleb li jinsabu man-naħa tal-Lbiċ tagħha sabu ruħhom fil-għoli u fl-istess waqt qrib il-baħar. U minħabba l-istess pożizzjoni ġeografika, f'dawn l-inħawi baqgħu jidhru s-saffi ġeoloġiċi ewlenin kollha tal-Gżejjer Maltin, miż-żonqor li jinsab taħt nett mal-baħar sal-qawwi ta' fuq fil-quċċata. Għaldaqstant, naraw pajsaġġ imtarraġ u varjat: sisien għoljin li jaqtgħu dritt ċomb għal fuq il-baħar, żriežaq taflin li jwasslu għal fuqhom, irdumijiet tal-qawwi aktar fil-għoli, u fl-aħħarnett xagħriet watja fuq wiċċ is-saff tal-qawwi. U billi t-tafal iżomm l-ilma tax-xita milli jkompli jiskula 'l isfel, il-blat poruż (qisu sponża) tal-qawwi iżomm fih ħażna importanti ta' ilma ħelu li minnha jgelglu bosta nixxigħat. Ma setax jonqos li l-Imtaħleb fih għaġna mżewqa ta' xagħriet miftuħa u mirjieħa, widien iħaddru, ilma ġieri, u raba' saqwi, b'kuntrast qawwi max-xtut drammatiċi ta' taħthom u l-baħar salvaġġ li huma magħrufin għalih dawn l-inħawi. U bħallikieku dan kollu ma kienx biżżejjed, fl-irkejjen moħbija tal-Imtaħleb mhux biss hemm mistur wirt storiku għani li jfakkar fiż-żminijiet medjevali, iżda għadhom jinħassu wkoll l-aħħar nifsijiet tal-ħajja rurali ta' dari li tista' tgħid inqerdet għal kollox minn bosta bnadi oħra f'Malta u Għawdex.

### IS-SISIEN TA' MAL-BAĦAR

Is-sisien tal-Imtaħleb ikomplu ma' dawk aktar magħrufin ta' Ħad-Dingli u l-fruntiera ta' bejniethom, biex ingħidilha hekk, insibuha bejn wieħed u ieħor fi **Rdum il-Qaws** (jew sempliċement Il-Qaws). Hawnhekk, l-erożjoni qalila tal-baħar matul meded twal ta' żmien ġiegħlet lis-sies jersaq bil-mod 'il ġewwa tant li ħa għamla mdawra qisu qaws stirat. It-tarf tiegħu jinsab f'**Ras il-Gawwija** (jew inkella Il-Ponta tal-Gawwija) li tifirdu mill-**Irdum tal-Iħfar** u l-bqija ta' l-irdumijiet ta' Ħad-Dingli. Il-forma partikolari tiegħu tat ukoll isimha lill-artijiet ta' madwaru (Tal-Qaws) kif ukoll lix-xagħra wiesgħa u għolja li tittawwal għal fuqu (Ix-Xagħra tal-Qaws). L-artijiet li jinsabu eżatt ma' xifer is-sies isibuhom bħala **Ix-Xaqliebi**, minħabba l-qlib tagħhom, u sewwasew taħthom hemm ukoll għar mal-baħar bl-istess isem (L-Għar tax-Xaqliebi). Il-bokka mdaqqsa ta' dan l-għar ftit li xejn hija fonda, iżda jekk tixxabbat madwar żewġ sulari ġo fiha (fuq blat jaqta' qisu xafra!) tasal f'biċċa dejqa li tibqa' dieħla kemmxejn 'il ġewwa fuq art miksija b'ċagħak u ramel aħrax li juri sa fejn jaf iwassal il-mewġ għoli tal-maltemp. Mhux wisq 'il bogħod, lejn ix-Xlokk, hemm għar kbir mgħaddas taħt il-baħar, filwaqt li lejn il-Punent tinsab posta tas-sajd imsejħa **Taħt il-Girna**, fejn ġieli tara sajjieda xjuħ jixxabbtu bosta sulari għal isfel biex jilħqu blata żgħira mal-baħar li minnha jistgħu jistadu bil-kumdità...dment li l-baħar ikun bnazzi! Fuq din il-posta, l-art għolja ta' fuq is-sies titlef il-qlib tagħha u tinfetaħ f'wita mdaqqsa li tibqa' sejra sa **Ras id-Dawwara** jew **Ras il-Qaws**. Din il-ponta rqiqa u mirjieħa tixbaħ lil ganċ ħiereġ għal fuq il-bahar miftuħ. Għandha għoli ta' madwar għoxrin sular, u l-baħar ta' taħtha huwa daqstant ieħor fond ('il fuq minn 70 metru).

Imkennen wara Ras id-Dawwara hemm Il-Port ta' **Għar id-Dwieb**, qala kbira u b'xenarju tassew spettakolari. L-għamla tiegħu, tawwalija u bi ġnub weqfin mad-dawra kollha tagħtik x'tifhem li aktarx huwa l-fdal ta' għar daqsiex li maż-żmien ċeda. Fuq ġewwa nett jinsab Għar id-Dwieb, fil-fatt żewġ għerien kbar maġenb xulxin għalkemm wieħed minnhom ma jidħolx wisq 'il gewwa. 'Dwieb' hija l-plural ta' 'debba' (il-mara taż-żiemel) jew 'dbiba' (bhima feroċi), iżda r-rabta mal-għar ma jidhirx li hija waħda daqstant diretta. Sa mill-1538, f'dawn l-inħawi tissemma **Dar id-Dwieb**, u fil-viċin verament hemm xi rziezet qodma li setgħu servew ta' stalel; għaldaqstant l-għar seta' ħa ismu minn dak ta' razzett minnhom jew ta' xi razzett ieħor eqdem li kien jeżisti dari. Fil-kitbiet ta' G.F. Abela, Dar id-Dwieb tissemma darbtejn, u filwaqt li f'darba minnhom jagħtina x'nifhmu li qed jitkellem dwar razzett jew stalla, fl-oħra jgħidilna li hija għar kbir ("...è una vasta grotta"). P.P. Castagna ukoll jirreferi għall-għar ta' mal-baħar bħala Dar id-Dwieb u jiddeskrivih (b'mod mhux daqstant konvinċenti) bħala għar fejn darba nstabu xi bhejjem mgħarrqa. Sewwasew minn fuq Għar id-Dwieb, l-ilmijiet tal-**Wied tal-Ġarif** jinxteħtu dritt għal ġol-baħar f'ċarċara għolja li tkompli żżewwaq l-inħawi matul ix-xhur xitwin. Il-punt mnejn iċ-ċarċara tiġġarraf għal isfel isibuh bħala **Il-Ġarif** jew **Il-Ġarifa**. Mal-ġnub tal-Port ta' Għar id-Dwieb hemm ukoll xi għerien iżgħar mal-livell tal-baħar jew eżatt taħtu. Wieħed minnhom (man-naħa ta' Ras id-Dawwara) jinsab bi dritt l-Għar tax-Xaqliebi, tant li fost xi sajjieda tal-lokal hemm għajdut li dawn iż-żewġ għerien pjuttost inaċċessibbli jinfdu ma' xulxin. Wara li żorthom it-tnejn, ikolli ngħid li din hija biss qlajja'. Jekk inkomplu nduru max-xatt, l-ewwel naqbżu l-posta tas-sajd **Tal-Ħarruba** li tingħaraf minn xaqq fis-sies b'għar ċkejken taħtu mal-baħar, u mbagħad naslu sal-ponta żgħira **Ta' Ħammud** li tinsab faċċata ta' Ras id-Dawwara u flimkien magħha tagħlaq il-Port ta' Għar id-Dwieb. Man-naħa ta' barra ta' din il-ponta hemm għar ieħor żgħir 'il fuq minn wiċċ l-ilma. Imbagħad imiss **Il-Ponta tad-Dikkiena**, ras oħra sekondarja bi xkaffa ċatta mlaqqma Id-Dikkiena minħabba l-għamla tagħha ("dikkiena" hija bħal bank tal-ġebel u dari kienet element komuni fl-arkitettura medjevali). Bejn iż-żewġt irjus tinsab posta tas-sajd magħrufa bħala **Il-Pass** peress li, fi kliem sajjied tal-post, "...trid taqbad mal-blat, iddur, u taqbeż pass biex tkompli tixxabbat..."! Is-sogru ta' dan kollu jidher fil-kefrija kollha tiegħu f'lapida li hemm qrib ix-xifer fil-Ponta tad-Dikkiena: skond ma kien fissirli l-istess sajjied, il-posti tas-sajd huma meqjusin bħala riservati għal 'sidhom'

(jiġifieri min ikun sabhom u kkapparrahom l-ewwel, jew inkella jkun wiret dan id-dritt mingħand missirijietu), u mhux lakemm jaqbad u jużahom xi ħadd ġdid bla ma jidħol fl-inkwiet. Għaldaqstant, dan ir-raġel kien ipprova jsib posta ġdida għalih biex ma jirfisx fuq ta' ħaddieħor, iżda billi l-aħjar posti kienu diġà meħudin kellu jagħżel rotta itqal...u ġietu ħażina, għax kellu jaqbeż xi pass żejjed minn xifer għal ieħor u spiċċa biex kejjilha għal isfel. Is-sies innifsu jgħidulu **Is-Sies ta' Qara' Rebbieħ** u fih posti oħra tas-sajd, fosthom Il-Post **il-Ġdid** jew **Tal-Ferli**. Il-ferla (Ferula communis) hija xitla salvaġġa li tixbaħ il-bużbież u li tikber kotrana f'dawn l-inħawi. Il-pajsaġġ matul din il-medda tas-sies huwa ddominat minn grupp ta' ħames għoljiet żgħar imsejħin **Il-Gwiedi**, kelma qadima li mhix għajr il-plural ta' "gudja", jiġifieri ħotba jew tumbata. Il-Wied tal-Ġarif, li diġà semmejtu aktar 'il fuq, huwa l-wied qasir li jinżel minn bejn dawn il-ħotob lejn Għar id-Dwieb, għalkemm l-istorja tiegħu hija kemmxejn aktar ikkumplikata bħalma se naraw.



**Sisien jaqtgħu dritt ċomb għall-baħar**

Aktar lejn il-Punent, jixref **Għar Dôson** (jew Għar Dôsom). Dan l-għar qasir iżda b'ħalq kbir issawwar matul xaqq ġeoloġiku (fault) li għadu jidher sew biswitu, u minn taħtu jisporġi ħondoq dejjaq f'qiegħ il-baħar li jagħti ħjiel li dari l-għar kien itwal. Fil-fatt, Għar Dôson huwa mrekken f'daħla mnaqqra ġos-sies, li aktarx kienet il-bokka oriġinali tiegħu, ftit jew wisq bħalma rajna fil-każ ta' Għar id-Dwieb iżda fuq skala iżgħar. Ir-ras sporġuta li warajha jistaħba Għar Dôson, u li tikser kartabun lejn it-Tramuntana sa ma twassal lejn **Miġra l-Ferħa**, isibuha bħala **Il-Katnazz**. Mal-ġenb tagħha tidher toqba tonda kemmxejn fil-għoli li mill-bogħod tqarraq bik għax qisha għar fuq l-art (bħal Għar Ħasan), iżda fil-fatt hija żbokk (bl-Ingliż blowhole) ta' għar li jinsab mgħaddas taħt il-baħar, mnejn ifawwar il-mewġ fil-maltemp. Terġa' u tgħid, ftit aktar fil-fond taħt l-istess għar hemm ukoll ħnejja naturali, filwaqt li mhux wisq 'il bogħod hemm għar ċkejken taħt il-baħar mnejn inixxi l-ilma ħelu.

U b'hekk wasalna Miġra l-Ferħa, ferq dejjaq fis-sies fejn ħondoq wieqaf magħruf bħala **Il-Wied ta' Miġra l-Ferħa** jferra' ilmijietu għal ġol-baħar. Huwa mistur wara ras oħra, ferm iżgħar mill-Katnazz, u għaldaqstant quddiemu hemm bħal daħla ċkejkna li tintlaħaq mill-art u tista' tgħum fiha. Iżda din id-daħla ftit li xejn toffri rdoss saħansitra meta l-baħar ikun imqar ftit imċafċaf, u fil-maltemp hawn mhux għaqli li tittarraf lejn ix-xatt minħabba l-mewġ għoli li jibla' l-art. Fuq blata baxxa biswit ħalq il-wied, sewwasew taħt ir-ras innifisha, hemm ħofra żgħira u tonda li jsejħulha **L-Għadira**. Għalkemm ma tinfidx mal-baħar miftuħ, tant tintlaħaq mill-mewġ li l-ilma kemmxejn fond tagħha dejjem nadif u ma tantx tista' tqisu bħala ilma qiegħed. Ġo fiha ġieli tara għadd ta' granċijiet u ħut żgħir.

Miġra l-Ferħa hija marbuta ma' leġġenda popolari li tgħid li meta l-Konti Ruġġieru u n-Normanni ħatfu lil Malta fl-1091, żbarkaw propju hawn billi dan il-post mistur kien qrib l-Imdina u fl-istess waqt ma kienx mgħasses. Iżda jidher li din hija biss qlajja' msejsa fuq il-fehma żbaljata li l-isem tal-post ifisser "ġrajja ta' ferħ", u aktarx li l-isem ifisser biss miġra żgħira tal-ilma (f'dan il-każ, 'ferħa' hija s-singular ta' 'frieħ'). Il-Professur Wettinger jagħti wkoll interpretazzjoni oħra billi jiġbdilna l-attenzjoni li fid-dinja Għarbija 'Ferħa' huwa wkoll isem pjuttost komuni fost in-nisa. Ngħiduha kif inhi, biex tniżżel armata sħiħa f'post bħal dan mhux biss trid kedda liema bħalha iżda wkoll trid tkun ixxurtjat u tinzerta baħar bnazzi żejt. Madankollu, G.F. Abela jgħidilna li fi żmienu hawn kien hawn ħajt għoli biex ifixkel l-inżul tal-furbani, għalkemm għandi dubji dwar kemm huwa minnu dan id-dettall. L-uniku episodju storiku dokumentat marbut ma' din il-parti tax-xtut Maltin seħħ fit-Tieni Gwerra Dinjija u xejn ma ntemm b'wiċċ il-ġid għall-patrijott Malti Carmelo Borg Pisani. Billi kien jemmen li Malta kellha tinfeda mill-ħakma kolonjali Ingliża sabiex issib postha bħala parti mill-Italja, fl-1942 daħal voluntier għal missjoni ta' spjunaġġ tar-Regia Marina Taljana li kellha twitti t-triq għal invażjoni. Biex ma jintlemaħx mill-għases, niżżluh fil-

baħar taħt Ras id-Dawwara mnejn aktarx kellu jgħumha lejn Miġra l-Ferħa. Iżda l-baħar imqalleb lanqas s'hawn ma ħallieh jasal, u sab ruħu maqbud ġo għar taħt is-sies aktarx x'imkien lejn Għar Doson jew Għar id-Dwieb. Billi l-baħar kompla jitqawwa, kellu jgħajjat għall-ajjut mingħand dgħajsa tas-sorveljanza...iżda ġietu z-zalza ogħla mill-ħuta għax ħaduh fl-isptar militari tal-Imtarfa fejn it-tabib inzerta kien jafu minn żmien tfulithom. Għarfu u kixfu, u fi ftit kliem bagħtu għall-forka. Tassew li barrani jgħallik iżda ġewwieni jixwik!

Malli ddur mar-ras ta' Miġra l-Ferħa, il-quċċata tas-sies tieħu għamla kemmxejn imtarrġa u minnha jixirfu għadd ta' xkafef naturali wesgħin max-xifer. Dawn taw isimhom lill-post, Ir-Rfuf jew **L-Irfuf** (il-plural ta' raff). B'xorti ħażina, parti minn xifer is-sies tintlaħaq faċilment wisq mit-triq, u minn hawn tgħidx kemm twaddbu karozzi (misruqa?) għal isfel tant li f'qiegħ il-baħar illum issib miżbla sħiħa mimlija ħadid imsaddad, tyres u raċanċ ieħor! Jekk nitbiegħdu minn din il-ħerba, is-sies ikompli dritt lejn il-majjistral sal-Ponta tas-Sikka, kap imdaqqas li ħa ismu minn sikka żgħira (**Is-Sikka tal-Frajna** jew sempliċement Is-Sikka) li toħroġ minn taħtu qabel ma l-kosta tikser lejn it-Tramuntana. Bejn Miġra l-Ferħa u l-Ponta tas-Sikka hemm ukoll żewġ għerien imdaqqsin f'wiċċ il-baħar, wieħed taħt l-Irfuf u l-ieħor eqreb lejn is-sikka. Biswit l-ewwel għar hemm ieħor iżgħar (din id-darba taħt wiċċ il-baħar) b'nixxiegħa ta' ilma ħelu fuq ġewwa nett li tintlaħaq biss mill-bugħaddasa. Interessanti li l-ilma ħelu li joħroġ minn taħt l-art, sewwasew mill-ħażna tal-pjan li hemm ġol-blat żonqri, ma jitħallatx mill-ewwel ma' dak mielaħ tal-baħar u jistrieħ fuqu bħala saff separat; meta tgħum minn ġo saff għall-ieħor tisthajlek qed tinfed minn ġo mera bħallikieku f'xi film tal-fantaxjenza. L-inħawi tat-tieni għar mhumiex b'inqas bħala sbuħija, u joffru ħnejja naturali kbira li tinsab mgħarrqa f'fond ta' aktar minn 30 metru. Iżda xi ngħidu dwar l-ismijiet taż-żewġ għerien infushom? Fil-mapep niltaqgħu ma' żewg toponimi: **Il-Mina** (li xi sajjieda kkonfermawhieli bħala wieħed mill-għerien, u isimha magħha minħabba x-xebħ bejn għar u mina) u **Il-Frajna** (diminuttiv ta' forna, li tfisser forn żgħir jew inkella għar fil-baħar li għandu din l-għamla, bħalma diġà konna rajna f'artiklu ieħor li kien ħadna lejn Ras il-Forna f'Għawdex). Iżda mhux ċar liema għar għandu liema isem.

## L-IRDUM TAS-SARĠ U MADWARU

Mill-Ponta tas-Sikka 'l hemm jibda **L-Irdum tas-Sarġ**, fejn sensiela ta' widien żgħar jinżlu b'pendil pjuttost qawwi lejn is-sies, sa ma jistagħdru fuq l-art catta ta' max-xifer u mbagħad jixħtu gelgul żgħir ta' ilma għal isfel matul l-istaġun xitwi. Minħabba f'hekk, parti mis-sies isibuha bħala **Tal-Ilma**. Qribha hemm posta tas-sajd li jgħidulha **Qarn il-Mogħża**; mhux ċar jekk dan l-isem hux ġej minn xi waħda mix-xtieli salvaġġi li għandhom l-istess isem. L-ewwel fost dawn il-widien, u l-aktar wieħed imdaqqas, huwa **Wied il-Ħut** – isem pjuttost stramb li skont ma qaluli xi nies li joqogħdu fl-inħawi huwa tifkira tal-ħut żgħir li ġieli jtella' l-baħar saħansitra għal fuq is-sies meta l-maltemp ikun qawwi ħafna. Dan il-wied, li miegħu ddur it-triq li tibda nieżla għal Miġra l-Ferħa, jibda mill-**Ħotba ta' Nardu** (medda watja ta' art xagħrija li hija l-ogħla fost l-artijiet ta' bejn l-Imtaħleb u Wied Rini) u jinżel bħala kanal żgħir minn qalb ix-xagħriet li jinsabu ftit aktar 'l isfel minnha, jiġifieri **Ix-Xagħra tal-Borom**, **Ix-Xagħra t'Isfel** u **Il-Ħawlija**. Din tal-aħħar tfisser art mhux għammiela, peress li ftit li xejn fiha ħamrija. Minn hemm, il-wied jaqa' ħesrem għal fuq l-art taflija ta' taħthom u jkompli jaqleb għal isfel. F'ġenb il-wied, illum mat-triq ta' Miġra l-Ferħa, hemm mina tal-ilma qadima (Il-Mina) maqtugħa ġol-blat. Aktar fil-għoli, sewwasew taħt ix-xagħriet li għadni kemm semmejt, hemm żewġ għerien naturali, wieħed fuq kull naħa ta' ras il-wied. Dawn huma tal-istess tip bħal Għar Dalam u Għar Ħasan u tnaqqxu mill-ilma ġieri għalkemm f'dal-każ ġos-saff tal-qawwi ta' fuq. **L-Għar tal-Ġerrej** jinsab max-xaqliba tat-Tramuntana tal-wied, u għalkemm għandu bokka li tispikka mhuwiex fond. Sieħbu li jinsab man-naħa tan-Nofsinhar huwa eżatt il-kontra: fetħa żgħira u moħbija sew hekk li bilkemm tidher jekk ma tkunx eżatt quddiemha, iżda mbagħad tagħti għal wieħed mill-aktar għerien twal u dojoq tal-Gżejjer Maltin. Għandu għamla qisha katusa naturali twila (l-isem tekniku huwa 'phreatic tube'), u billi huwa fond u mudlam, igħidulu **L-Għar l-Iswed**. Biex tidħol fih trid titmiegħek sew fit-tajn, u ddum dieħel mhux ftit. L-għamla tal-blat madwar il-bokka fiha ħjiel ċar li dari dan l-għar kien saħansitra itwal u kellu bokka akbar li maż-żmien iġġarrfet minħabba l-blat li tqaċċat mill-irdum. Ftit passi 'l bogħod minnu, Ix-Xagħra tal-Borom tisporġi 'l barra bħala qortin għoli (Il-Ponta tar-Razzett ta' Fuq) b'binja militari ta' żmien l-Ingliżi qrib it-tarf tiegħu. Din il-ponta, li tinsab sewwasew fuq ir-riħ ta' grupp ta' rziezet qodma magħrufin bħala **Tal-Merħla** (ħdejn it-triq ta' Miġra l-Ferħa), tifred 'il Wied il-Ħut mill-kumplament tal-Imtaħleb. Fl-istess Xagħra tal-Borom, iżda eqreb lejn il-qalba tal-Imtaħleb, hemm ukoll xi fdal arkeoloġiku, fost oħrajn barriera antika u sensiela ta' ħames oqbra maqtugħin fil-blat.

Il-widien l-oħra tal-Irdum tas-Sarġ huma ferm iżgħar u mhumiex wisq aktar minn kanali fondi maqtugħin ġot-tafal min-nixxigħat li hemm fl-irdum, għalkemm jidher li uħud minnhom iżommu l-ilma s-sena kollha ġaladarba fihom tgħix kolonja żgħira ta' qwabar (granċijiet) tal-ilma ħelu bħalma hemm fil-widien ewlenin tal-Imtaħleb u l-Baħrija. Jafuhom bħala **Il-Wied tal-Għajn it-Tajba** u **Il-Wied ta' Għajn Marġa** jew Il-Wied ta' Ġordajna, u l-egħjun tagħhom (L-Għajn it-Tajba jew Għajn Tajba, u Għajn Marġa) jinsabu ġo mini tal-ilma antiki maqtugħin fil-blat. L-aktar mirquma fost dawn il-mini (mogħnija b'ġiebja kbira ġo għar) tinsab ftit passi 'l bogħod, f'Ta' Ġordajna, sewwasew taħt razzett qadim xejn anqas sabiħ imrekken fuq xkaffa ġo l-irdum. Mas-sies taħt dawn il-widien hemm il-posta tas-sajd magħrufa bħala **Il-Marġa.**

Minn hawn 'l hinn, l-Irdum tas-Sarġ iħalli postu għall-**Irdum tal-Vigarju**,







Werrej f'paġna 77

Is-sisien ta' mal-baħar

| | |
|---|---|
| 1. Il-Ponta taċ-Ċifien | 2. L-Irdum ta' l-Iħfar |
| 3. Ras il-Gawwija (Il-Ponta tal-Gawwija) | 4. Rdum il-Qaws (Il-Qaws) |
| 5. Tal-Qaws | 6. Ix-Xagħra tal-Qaws |
| 7. Ix-Xaqliebi | 8. L-Għar tax-Xaqliebi |
| 9. Taħt il-Girna | 10. Ras id-Dawwara (Ras il-Qaws) |
| 11. Il-Port ta' Għar id-Dwieb | 12. Għar id-Dwieb (Dar id-Dwieb) |
| 13. Il-Ġarif (Il-Ġarifa) | 14. Il-Wied tal-Ġarif |
| 15. Tal-Ħarruba | 16. Ta' Ħammud |
| 17. Il-Pass | 18. Id-Dikkiena |
| 19. Il-Ponta tad-Dikkiena | 20. Is-Sies ta' Qara' Rebbiegħ |
| 21. Il-Post il-Ġdid | 22. Tal-Ferli |
| 23. Il-Gwiedi | 24. Għar Dôson (Għar Dôsom) |
| 25. Il-Katnazz | 26. Miġra l-Ferħa |
| 27. Il-Wied ta' Miġra l-Ferħa | 28. L-Għadira |
| 29. Ir-Rfuf (L-Irfuf) | 30. Il-Mina |
| 31. Il-Frajna | 32. Is-Sikka tal-Frajna (Is-Sikka) |
| 33. Il-Ponta tas-Sikka | |

L-Irdum tas-Sarġ u madwaru

| | |
|---|---|
| 34. L-Irdum tas-Sarġ | 35. Qam il-Mogħża |
| 36. Ta' l-Ilma | 37. Wied il-Ħut |
| 38. Il-Ħotba ta' Nardu | 39. Wied Rini |
| 40. Ix-Xagħra t'Isfel | 41. Ix-Xagħra tal-Borom |
| 42. Il-Ħawlija | 43. L-Għar tal-Ġerrej |
| 44. L-Għar l-Iswed | 45. Il-Mina |
| 46. Il-Ponta tar-Razzett ta' Fuq | 47. Tal-Merħla |
| 48. Għajn it-Tajba (Għajn Tajba) | 49. Il-Wied tal-Għajn it-Tajba |
| 50. Għajn Marġa | 51. Il-Wied ta' Għajn Marġa (Il-Wied ta' Ġordajna) |
| 52. Ta' Ġordajna | 53. Il-Marġa |
| 54. L-Irdum tal-Vigarju | |

L-Imtaħleb

| | |
|---|---|
| 55. Ix-Xagħra l-Kbira | 56. Ix-Xagħra ta' l-Ispiera |
| 57. Ta' l-Ispiera ta' Wara d-Djar | 58. Il-Ġnien tal-Għaljun (?) |
| 59. Il-Ġnien il-Kbir | 60. Għajn il-Kbira |
| 61. L-Għar ta' l-Għarwenin | 62. Il-Ġebel l-Abjad |
| 63. Il-Ġnien tal-Ġebel l-Abjad | 64. Il-Wied ta' l-Imtaħleb |
| 65. L-Imtaħleb | 66. Ix-Xagħra ta' Fuq l-Imtaħleb |
| 67. Ta' Klikan | 68. Ta' Titta |
| 69. Il-Qirqni | 70. Wied Markozz |
| 71. Wied ir-Rummien | 72. Il-Bruka (Bruket Ilma) |
| 73. Tal-Għerief | 74. Tal-Qawwi |

Bejn l-Imtaħleb u Ħad-Dingli

| | |
|---|---|
| 75. Tar-Ramux | 76. Il-Wilġa |
| 77. L-Imwieġel | 78. Il-Ħawlija |
| 79. Ta' l-Imnadar | 80. Il-Wied tal-Ġirwin |
| 81. Wied Ħażrun | 82. Ta' Wied Ħażrun |
| 83. Is-Simblija | 84. Tal-Callus |
| 85. Santa Marija ta' Callus | 86. Il-Fawwara ta' Wied ir-Rum |
| 87. Il-Qattara | 88. Il-Ġnien tal-Qattara |
| 89. Tax-Xieraf | 90. L-Għalqa l-Ħamra (Il-Ħotba l-Ħamra) |

| | |
|---|---|
| 91. Ta' Dnat | 92. Misraħ Suffara |
| 93. Ħofret ir-Rizz | 94. L-Istbal |
| 95. L-Għar ta' Baldu | 96. Il-Wied ta' Baldu |
| 97. Il-Ġnien ta' Baldu | 98. L-Għars |
| 99. Wied ir-Rum | 100. Ta' San Ġakbu (Il-Ġnien ta' San Ġakbu) |
| 101. San Ġakbu | 102. Għajn Tajtes |
| 103. Il-Ġnien ta' Għajn Tejtes | 104. It-Triq il-Ġdida (Il-Ħajt tal-Inġinier) |
| 105. Għar Żerriegħa | 106. Djar Luqa |
| 107. Ix-Xagħra tal-Bir | 108. Il-Qasam |
| 109. Tal-Kalkara | 110. Għar Ilma |
| 111. Il-Wied ta' Għar Ilma | 112. Il-Ġebel l-Aħmar |
| 113. Il-Ponta | 114. Għar Arloġġ |
| 115. Ix-Xagħra ta' Bla Ħajt | 116. Id-Dar tal-Ħotba |

Oħrajn (mhux identifikati sew)

| | |
|---|---|
| 117. Ta' Santa Marija | 118. Għar Għollieqa |
| 119. Tan-Naħla | 120. Ħal Għul |
| 121. Għajn Għorab | 122. Għajn Andrija |
| 123. *'Aayn Cior'* (= Għajn Ċar? –jew- Għajn Ċarċar?) | 124. Għajn San Gwann |
| 125. Wied il-Qasab Ħelu | 126. Wied il-Berberi |
| 127. Tal-Wilġa ta' Qasab il-Ħelu | |

## L-irħajjel tal-Imtaħleb



fejn id-distanza ta' bejn is-sies u l-irdum ta' fuqu hija iqsar u għaldaqstant l-art taflija ta' bejniethom għandha qlib saħansitra aktar qawwi milli rajna fl-Irdum tas-Sarġ. Iżda hawnhekk ħallejna l-Imtaħleb u prattikament wasalna taħt il-Baħrija; dwar dawn l-inħawi għandi l-ħsieb li nikteb artiklu ieħor f'ħarġa oħra.

### IL-WIDIEN TAL-IMTAĦLEB

Il-ħondoq fond ta' Miġra l-Ferħa huwa biss it-tarf ta' sistema ta' widien ferm akbar li tibda minn ħdejn il-knisja ta' L-Imtaħleb. Ħafna awturi jispjegaw dan l-isem bħala nom mimmat li jfisser post fejn isir il-ħlib tal-bhejjem, iżda dwar dan hemm nuqqas ta' qbil peress li l-Prof. Wettinger jisħaq li din hija semplifikazzjoni żbaljata u li fil-fatt isem il-post ifisser biss l-artijiet 'ta' Ħalab'. Sa mill-1575 diġà tissemma kappella ta' Santa Marija Assunta f'dan il-post; fis-seklu XVII ġiet iddedikata lil Maria Bambina u nbniet mill-ġdid fl-1656 wara li kisbet id-dħul finanzjarju minn 'ġnien' (li normalment tindika ort imkennen u saqwi) li kien tħallielha fl-Imtaħleb stess u li għandu l-isem **Ta' Santa Marija**. Ma jingħadx eżatt f'liema parti tal-Imtaħleb jinsab dan il-ġnien. Ġnien ieħor li għadu jidher sal-lum huwa **Il-Ġnien il-Kbir** (fid-dokumenti tissemma l-verżjoni Taljanizzata 'Giardino Grande') li jinsab f'ras Il-Wied tal-Imtaħleb, taħt ir-riħ tal-knisja. Hawnhekk, it-trejqa li tinżel minn bejn Ix-Xagħra l-Kbira u Ix-Xagħra ta' Fuq l-Imtaħleb għal mal-wied tgħaddi minn rixtellu b'arkata monumentali li turi li l-post kellu ċerta importanza. Fil-ġnien innifsu għadhom jidhru żewġ pontijiet qodma li jaqsmu l-korsa tal-wied, u għadd ta' kanali li jwasslu l-ilma minn ġo l-għerien li jinsabu mħaffrin fil-blat artab ta' ġenb il-wied. Wieħed minn dawn l-għerien antiki, li jinsab taħt it-trejqa, huwa kbir ġmielu u minbarra mina tal-ilma fih ukoll ġiebja taħt l-art u għajn tal-ħasselin; fid-dokumenti storiċi jidher bħala **L-Għajn il-Kbira**. Eżatt faċċata tiegħu hemm ieħor pariġġu, ukoll b'mina fonda fuq ġewwanett, li tlaqqam **L-Għar tal-Għarwenin** minħabba li kienu jinżlu jgħumu ġol-ġiebja mdaqqsa ta' ġo fih. Fl-ewwel nofs tas-Seklu XX il-kappella tal-Imtaħleb tkabbret sew u llum hija l-korsija ta' knisja pittoreska kompluta bil-koppla, kampnar u żewġ absidi. Ir-raġuni għal dan it-tkabbir tinftiehem aktar meta wieħed iqis li fl-Imtaħleb kien għad hawn raħal ċkejken li dari dan kien igħodd mal-200 ruħ; dak iż-żmien kien akbar mill-Baħrija iżda beda jmajna mis-sittinijet 'l hawn meta niesu imxiet lejn il-Baħrija u r-Rabat. Illum fadal biss ftit dwejriet tgħoddhom fuq subgħajk, u uħud minnhom huma vojta u qed jaqgħu.

Sewwasew fir-ras tal-Wied tal-Imtaħleb, qabel ma l-wied jiffonda f'daqqa, hemm razzett qadim bi skrizzjoni minquxa fuq ġebla fil-faċċata tiegħu li tgħid hekk: "CLARE TA LESPERA TA UARA IDEAB E GIARDINO CHIAM. EL H___UN PERTINENZE DI MONTE CALIBO __TI AL OSPEDALE DI S. NICOLÒ DI _AURA CÕCESSI AD EMF_TE____A GIACOMO GIOANNES BATTISTA SAMMUT PER LA S. GENERA_______N ATTI DI NOT. IGNAZIO DI __NO LE 10 GENNARO 1733". 1. Din il-kitba llum hija kemmxejn mikula u xi ittri (li hawn immarkajthom b'sing) intilfu jew bilkemm jinqraw. Madankollu, xorta tagħtina tagħrif siewi, tant li f'kolp wieħed qed tgħidilna li:

1. L-egħlieqi fejn jinsab ir-razzett jissejħu Tal-Ispiera ta' Wara d-Djar u fil-fatt, f'artiklu miktub fil-perjodiku *Melita Historica*, il-ħabib tiegħi Keith Buhagiar jirreferi għal pjanta dettaljata tas-Seklu XVII li turi l-isem 'Xara ta li Ispera', cioè Ix-Xagħra ta' l-Ispiera, kważi fl-istess post;

2. Il-ġnien saqwi li hemm magħhom igħidulu 'Il-H---un' B'xorti ħażina, din il-kelma m'għadhiex tintgħaraf għax il-ġebla ttieklet wisq. Iżda fil-pjanta tas-Seklu XVII jissemma 'Giardino ta' Haleun'. Bla dubju, dan huwa tagħwiġa ta' isem Malti - forsi Il-Ġnien tal-Għaljun? Għaljun huwa tip ta' qasab li s-soltu jikber salvaġġ f'dan it-tip ta' ambjent, u għaldaqstant din it-tifsira ma tidhirx daqstant imġebbda;

3. Din l-art bidlet l-idejn fis-sena 1733 x'aktarx, anke l-iskrizzjoni nnifisha saret f'din id-data, u l-istess dettall jagħtina ħjiel bejn wieħed u ieħor ta' meta nbena l-bini; u

4. Għal riċerki aktar dettaljati għandna nfittxu fl-atti tan-nutar Ignazio Debono. Dan in-nutar għex bejn is-Sekli XVII u XVIII, u l-atti tiegħu fil-fatt inkitbu bejn l-1695 u l-1748.

Hawn naraw kemm tassew dawn il-lapidi li jinsabu mxerrdin madwar il-kampanja (normalment ingastati fil-ħajt ta' xi kmajra qadima ftit li xejn magħrufa) huma wirt storiku li għandna ngħożżuh. Sa ċertu punt, ix-xhieda tagħhom hija saħansitra aqwa mid-dokumenti ta' ġo l-arkivji peress li ma tħallix dubju dwar fejn jinsab il-post eżatt, ħaġa li mhux dejjem toħroġ ċara minn kitbiet oħra. U hawn ma naħmilx ma nsemmix il-ħsara bla qies li tkun qed issir kull meta binjiet antiki bħal dawn jitwaqqgħu biex flokhom jinbnew strutturi koroh, jew meta l-lapidi nfushom jinqalgħu minn posthom jew jinsterqu biex jinbiegħu bħala antikwarjat.

Mhux wisq 'il bogħod hemm **Il-Ġebel l-Abjad**, qortin żgħir iżda kemmxejn għoli maħruġ 'il barra bejn il-Wied ta' l-Imtaħleb u wied ieħor tewmi miegħu li fih **Il-Ġnien tal-Ġebel l-Abjad**. F'dan il-każ, il-kelma Semitika 'ġebel' tfisser għolja jew muntanja, u l-bqija tal-isem ġej mil-lewn bajdani tal-blat tas-sekonda mal-faċċata tal-qortin. Anke hawn insibu għadd ta' għerien imħaffrin fil-blat, uħud minnhom użati bħala mqawel u oħrajn aktar fondi li fihom l-egħjun tal-ilma. Aktar 'l isfel, bejn l-artijiet **Ta' Klikan, Ta' Titta** u **Il-Qirqni**, iż-żewġ widien jingħaqdu u jiffurmaw wied pjuttost fond (**Wied Markozz**) li jżomm miġra ta' ilma matul is-sena kollha. Hawnhekk, taħt il-qasab folt li jiksi qiegħ il-wied, igħammar il-granċ tal-ilma ħelu (Potamon fluviatile lanfrancoi). Iżda 'Markozz' xi tfisser? Din hija varjant tal-isem Taljan Marcuccio jew Marcuzzo (diminuttiv ta' Marco), u għaldaqstant aktarx li l-wied issemma' għal xi ħadd li dari kellu l-artijiet hawn. Aktar 'l isfel, dan il-wied jingħaqad ma' **Wied ir-Rummien**, wied baxx u wiesa' mimli siġar tar-rummien li jinsab maqrus bejn l-Imtaħleb u Il-Gwiedi. Lejn il-bidu ta'

dan il-wied hemm **Il-Bruka**, siġra waħdanija tal-bruk (Tamarix africana) tassew xiħa. Tissemma saħansitra fl-1647 fil-kitbiet ta' Giovanni Franceso Abela, għalkemm l-awtur ma jorbotx it-tifsira tal-isem mas-siġra, u għadha ħajja sal-lum wara li għaddew aktar minn 350 sena oħra minn fuqha. Abela jagħti wkoll l-isem alternattiv ta' Bruket Ilma. Fl-istess inħawi, fil-mapep jidher l-isem **Tal-Għerief**. Id-dizzjunarju ta' Ġużè Aquilina wkoll isemmih bla ma jagħti tifsira għalih. Peress li propju hawnhekk hawn xi binjiet qodma u ġabra ta' mqawel nofshom sfrundati, nazzarda ngħid li dan aktarx huwa plural ta' 'għorfa', għalkemm jista' jkun ukoll taħsira ta' 'ġarif' li huwa l-isem ta' wied ieħor fil-qrib sew li ergajna wasalna ħdejh. Fejn jingħaqdu Wied Markozz u Wied ir-Rummien, jibda l-Wied ta' Miġra l-Ferħa, wied twil u wiesa' li jibqa' nieżel sas-sies bejn Il-Katnazz u Miġra l-Ferħa wara li jserrep minn bejn il-Gwiedi u l-artijiet Ta' Klikan, Tal-Qawwi u Tal-Merħla li jinsabu aktar fil-għoli fuq in-naħa l-oħra. Qrib is-sies, l-ilma tal-wied ħanxar ħondoq fond bosta sulari fil-blat żonqri, u huwa propju dan il-ħondoq dejjaq li jċarrat is-sies fi tnejn u jilħaq xatt il-baħar. Wara x-xita, l-ilmijiet tal-wied jaqgħu ħesrem għal ġol-ħondoq f'ċarċara kbira, u hemm ċarċara oħra iżgħar aktar 'l isfel.

**BEJN L-IMTAĦLEB U ĦAD-DINGLI**

Jidher li s-sistema ta' widien li twassal lejn Miġra l-Ferħa fl-imgħoddi kienet saħansitra ferm akbar. Kif? Jekk minn ħdejn il-Bruka tħares lejn il-Lvant, tara wied kbir u wiesa' (Wied ir-Rum) eżatt bi dritt Wied ir-Rummien, u hemm ħjiel li xi darba kienu jkomplu ma' xulxin. Iżda llum l-ilmijiet ta' Wied ir-Rum minflok ma jferrgħu lejn Miġra l-Ferħa, jilwu ħesrem lejn Għar id-Dwieb minħabba li seħħ proċess ta' erożjoni li bl-Ingliż jissejjaħ *stream capture*. Jekk żewġ xmajjar jew imġieri jinzertaw qrib wisq ta' xulxin, maż-żmien il-widien tagħhom jispiċċaw biex jinfdu ma' xulxin minħabba li l-ilma jkun qed igħawrilhom il-ġnub. Il-Wied tal-Ġarif igħaddi viċin ħafna tal-punt fejn Wied ir-Rummien kien ikompli ma' Wied ir-Rum, u maż-żmien l-elementi naqqru l-galletta ta' blat artab tal-bajjâd li kienet tifred il-ġnub taż-żewġ widien. Billi hemm diżlivell qawwi bejn il-qigħan taż-żewġ naħat, l-ilmijiet ta' Wied ir-Rum bdew iċarċru lejn Il-Wied tal-Ġarif minflok ma jibqgħu għaddejjin għad-dritt. Maż-żmien, l-istess ilma kompla ħanxar il-korsa l-ġdida tiegħu u b'hekk il-wied twil li kien iffurmat minn Wied ir-Rum u l-Wied ta' Miġra l-Ferħa (dan tal-aħħar b'Wied ir-Rummien magħdud miegħu) safa maqsum f'biċċtejn. B'riżultat ta' dan, il-Wied tal-Ġarif minn wied pjuttost żgħir (u tiegħu f'tiegħu) sar parti minn sistema estensiva u b'tifsila stramba, u fl-istess waqt Wied ir-Rummien sar il-bidu ta' dak li kien għad fadal mill-wied l-ieħor. Il-proċess kien megħjun ukoll minn wied ieħor żgħir (fergħa sekondarja ta' Wied ir-Rum) li jinżel eżatt bi dritt it-tnaqqira li semmejt; dan il-wied għadu jidher sal-lum u minn ġo fih tinżel it-trejqa li twassal mill-Imtaħleb lejn Għar id-Dwieb, iżda s'issa ma rnexxilix nitkixxef x'igħidulu.



**Rixtellu b'arkata Monumentali**

L-isem ta' Wied ir-Rum m'għandu xejn x'jaqsam ma' xarba alkoħolika, u GF Abela jfissirulna bħala "Valle de' Christiani Greci". Hawnhekk, 'rum' hija kelma Għarbija mnissla minn 'Ruma' u x'aktarx li għall-bidu kienet tirreferi għal nies b'kultura Rumana, iżda maż-żmien it-tifsira tagħha sfat imġebbda u assoċjata mal-Insara tal-Lvant. Xi kittieba jsostnu li biex nifhmu aħjar għala dan il-wied issejjaħ hekk, irridu niftakru li fiż-żmien medjevali li matulu kien qed jintgħaġen l-ilsien Malti seħħew bidliet u taqlibiet importanti, u matulhom jista' jkun li l-kulturi differenti għamlu xi żmien igħixu maġenb xulxin. Skont din il-fehma, taħt il-ħakma Għarbija d-drawwiet Biżantini damu aktar ma nqerdu fl-irkejjen imbiegħda tal-kampanja, u l-istess ġara aktar tard fil-każ tal-kultura Għarbija meta l-ibliet u l-irħula ewlenin kienu diġà xorbu l-influwenza Latina li ġabu magħhom in-Normanni. Diffiċli tgħid bl-eżatt x'ġara f'dawk iż-żminijiet imbiegħda, u jista' jagħti l-każ li mal-fatti storiċi tħalltu wkoll xi leġġendi u ħrejjef, iżda l-irħula ċkejknin, imwarrbin u antiki ta' madwar l-Imtaħleb (ilkoll magħmulin minn djar, imqawel u saħansitra kappelel ġo l-għerien) hemm min iqishom bħala xhieda ta' dan il-proċess.

Wied ir-Rum jibda sewwasew minn ħdejn l-artijiet **Ta' Dnat**, fejn jingħaqdu **Il-Wied ta' Baldu** u **Wied Ħażrun**. Il-Wied ta' Baldu huwa wied qsajjar iżda kemmxejn fond li jibda minn ħdejn **Misraħ Suffara**. Fih għadd ta' għerien u mini tal-ilma mħaffrin fil-blat, li l-aktar magħruf fosthom huwa L-Għar ta' Baldu. Ġo dan l-għar hemm mhux biss mina ta' l-ilma u ġibjun antik taħt l-art, iżda wkoll għajn tal-ħasselin tassew ħelwa li għandha d-data 1629 minquxa fuqha, għalkemm il-mejjilla ewlenija tidher ferm eqdem u aktarx li hija l-fdal ta' magħsar taż-żebbuġ ta' Żmien ir-Rumani. L-istess mini tal-ilma jisqu l-Ġnien ta' Baldu, li jinsab imkennen bejn ġnub il-wied u xi ħitan tas-sejjiegħ tassew għoljin. Ma' dan l-ort hemm binja ta' żmien il-Kavallieri, miżbugħa ħamra, bit-titlu "Territorio Ta' Baldu" mal-faċċata tagħha. L-artijiet li jittawlu għal fuq il-Wied ta' Baldu min-naħa tan-Nofsinhar isibuhom bħala **L-Għars**, jiġifieri ġnien imħawwel b'siġar jew dwieli li għadhom żgħar – jew aħjar kienu għadhom żgħar meta l-art tlaqqmet hekk. Ftit 'il fuq minn ras il-Wied ta' Baldu tinsab ħofra kbira u tonda (l-isem tekniku huwa 'dolina') b'madwar żewġ sulari fond, li tissejjaħ **Ħofret ir-Rizz**. Din hija l-fdal ta' għar naturali daqsiex li ntgħawar taħt l-art mill-ilma tax-xita u li tant kiber li maż-żmien sfrondalu s-saqaf, l-istess bħall-Maqluba ta' ħdejn il-Qrendi iżda ferm akbar. Għalkemm tidher aktar baxxa mill-bosta sulari tal-Maqluba, dan huwa biss minħabba li matul eluf ta' snin imtliet bin-naqal u l-ħamrija b'mod naturali, u Alla biss jaf il-fond veru tagħha. Peress li hija kennija u għandha mhux biss ħamrija fonda iżda wkoll għajn tal-ilma, tħaddan fiha medda mdaqqsa ta' raba' saqwi. Bħalha hemm oħra fil-Baħrija, taħt r-riħ tal-kappella l-qadima ta' San Martin. Imissu ma' Ħofret ir-Rizz hemm **L-Istbal** (jiġifieri l-istalel, kif jikkonfermalna GF Abela fl-1647); f'xi mapep moderni, dan it-toponimu sab ruħu mgħaffeġ u jidher bħala 'L-Iżball'...u fil-fatt għandu jkun ikkoreġut!

Wied Ħażrun huwa wied itwal li jibda minn ħdejn l-irdumijiet ta' Ħad-Dingli, preċiżament mill-artijiet għoljin **Tar-Ramux** u **Il-Wilġa** li jittawlu għal fuq l-Irdum ta' l-Iħfar u **l-Ponta taċ-Ċifien** (għalkemm ma tidhirx fid-dizzjunarju, il-kelma 'ċifien' donnha plural ta' 'ċiefa', għasfur tal-baħar li jgħammar fis-sisien għoljin). L-ewwel nofs tal-wied (ħdejn l-artijiet **tal-Imwieġel**, **Il-Ħawlija** u **Tal-Imnadar**) huwa pjuttost baxx u jsibuh bħala **Il-Wied tal-Ġirwin**. Aktar 'l isfel, taħt l-artijiet Ta' Wied Ħażrun, isir aktar fond u jibdel ismu. Hawnhekk, fuq parti mill-ġenb kemmxejn wieqaf tal-wied, hemm xi siġar xjuħ tal-ballut (Quercus ilex) li mhumiex għajr il-fdal ta' bosk qadim u aktar mifrux. Mill-injam iebes ta' dawn is-siġar dari kienu jsiru l-marloġġi tal-għodda. Illum, is-siġar li għad fadal tgħoddhom fuq subgħajk, u saret ħsara liema bħalha għall-ħabta ta' l-1991 meta dan il-masġar naturali ngħata n-nar. Aktar 'l isfel, hemm mogħdija dejqa li taqsam qiegħ il-wied minn fuq pont baxx li aktarx inbena qabel l-1720; imbagħad titla' minn qalb is-siġar u l-blat ta' man-naħa l-oħra tal-wied lejn il-fdalijiet tar-raħal ċkejken tas-**Simblija**, li jinsab imperreċ max-xifer ta' promontorju għoli li jittawwal lura lejn Wied ir-Rum u l-Wied ta' Baldu. L-istess bħalma rajna fl-inħawi l-oħra ta' madwar l-Imtaħleb, madwar is-Simblija hemm għadd ġmielu ta' għerien u binjiet nofshom imħaffrin fil-blat, u minbarra sensiela ta' mqawel qodma u mini ta' l-ilma kien hemm ukoll kappella medjevali u mitħna tal-miexi (jiġifieri mitħna mdawra minn bagħal jew bhima oħra, bħalma kienu l-imtieħen Maltin u Għawdxin qabel ma ddaħħlu l-imtieħen tar-riħ fi Żmien il-Kavallieri) ġo għar kbir ħdejha. Hemm min isostni li l-kappella hija dik ta' Santa Marija ta' Callus, hekk imsejħa minħabba li għal xi żmien kienet parti mill-propjetà **Tal-Callus** (l-istess bħall-Fawwara ta' Wied ir-Rum, għajn ta' l-ilma li tissemma f'att notarili ta' l-1467). Wara li Ġużeppi Callus, li kien sid l-art, ġie kkundannat għall-mewt mill-Gran Mastru de Valette, l-art ġiet ikkonfiskata u għaddiet għand il-Veneranda Assemblea tal-kappillani konventwali tal-Ordni. Donnu li isem l-inħawi tnissel mit-tkissir ta' 'assemblea'. Bejn is-snin 1998 u l-2000, il-kumpless storiku tas-Simblija ġie rrestawrat mill-awtoritajiet.

Il-promontorju tas-Simblija huwa biss wieħed mit-tliet ponot ta' medda trijangolari ferm akbar ta' art watja magħrufa bħala **Ix-Xagħra tal-Qaws**. Fuq ġenb minnhom (lejn il-Lvant), din ix-xagħra għandha l-Wied tal-Ġirwin u Wied Ħażrun li jaqtgħuha mill-kumplament ta' Ħad-Dingli, filwaqt li man-naħa tal-Lbiċ tħares lejn il-baħar u tittawwal għal fuq Irdum il-Qaws. Il-faċċata ta' dan il-ġenb tintgħaraf mill-bogħod peress li fiha roqgħa ta' blat ħamrani (**L-Għalqa l-Ħamra** jew Il-Ħotba l-Ħamra) li fil-fatt hija l-fdal ta' ħofra naturali li eluf ta' snin ilu mtliet b'mod naturali b'naqal u ħamrija li mbagħad ibbiesu u ffurmaw tip ta' blat imsejjaħ depożitu Kwaternarju. L-irdum ta' madwarha (hawnhekk wasalna lura fuq Irdum il-Qaws) fih ruxxmata għerien imħaffrin fil-blat, fosthom xi mini żgħar tal-ilma. Iżda dawn lanqas jibdew ħdejn il-kwantità kbira ta' għerien u mini tal-ilma (uħud minnhom imdaqqsin sew) li hemm imħaffrin mat-tul kollu tat-tielet ġenb

tax-xagħra, li jħares lejn it-tramuntana għal fuq Wied ir-Rum. Fost dawn tispikka Il-Qattara, għar pjuttost kbir b'ġiebja taħt l-art u tliet mini tal-ilma f'livelli differenti li jagħtu għal ġo fiha; waħda mill-mini fiha saħansitra taraġ fuq ġewwa u biex tilħaqha trid tgħum fl-ilma nġazzat li qatt ma jara xemx. Din l-għajn taqdi **Il-Ġnien tal-Qattara**, li jinsab taħtha mal-ġenb ta' Wied ir-Rum. Fil-qrib, bejn wieħed u ieħor fejn hemm l-artijiet **Tax-Xieref**, hemm il-fdal ta' masġar ieħor naturali magħmul minn siġar rari tan-nemmiesa jew olmu (Ulmus canescens); huwa misqi minn nixxigħa oħra ħdejn il-Qattara.

Ix-xaqliba l-oħra ta' Wied ir-Rum (faċċata tal-Qattara) ukoll miżgħuda bl-għerien qisha ġobna tat-toqba, għalkemm bostha minnhom ma jintlemħux mill-bogħod peress li huma misturin wara siġar kbar u folti taż-żebbuġ u tal-ħarrub li jikbru salvaġġi taħt l-irdum. Jekk nibdew minn ħdejn il-Wied ta' Baldu u nibdew mexjin 'l isfel lejn l-Imtaħleb, naħbtu ma' l-artijiet saqwin Ta' San Ġakbu (jew Il-Ġnien ta' San Ġakbu) imsemmijin għall-kappella medjevali ta' San Ġakbu li kienet tinsab f'wieħed mill-għerien. Mhux wisq 'il bogħod imbagħad hemm **Għajn Tajtes**, mina kbira tal-ilma b'ġiebja maqtugħa fil-blat fil-bokka tagħha, bil-Ġnien ta' Għajn Tejtes taħtha. Matul ix-xagħra miftuħa li tagħti għal fuqhom tgħaddi mogħdija dejqa u kemmxejn stramba, li tikkonsisti f'par raded twal minquxin fil-blat u maqrusin bejn żewġ ħitan tas-sejjieħ mat-tul kollu tagħhom. Isibuha bħala It-Triq il-Ġdida jew **Il-Ħajt ta' l-Inġinier**, iżda dwarha ma stajtx insib wisq aktar tagħrif, għajr xi xnigħat li l-ħitan inbnew fi żmien l-Ingliżi biex il-priġunieri jingħataw x'jagħmlu. Ir-raded infushom jidhru eqdem minn hekk, u madwarhom hemm ukoll bosta kalati (*cart ruts*) ferm aktar bikrin li f'xi bnadi (ngħidu aħna mat-tarf tax-Xagħra tal-Bir) jaslu sa xifer l-irdum għax fl-imgħoddi kienu jibqgħu sejrin għal fuq artijiet li ilhom li ġġarrfu għal isfel.

Bla dubju, **ix-Xagħra tal-Bir** tlaqqmet hekk minħabba bir qadim (imsaqqaf biċ-ċangaturi u b'ħerża sabiħa) li jinsab għalih waħdu mat-trejqa mwarrba li tagħti għal remissa ħelwa f'tarf l-irdum; fiha wkoll xi oqbra antiki maqtugħin fil-blat. Eżatt mar-remissa, it-trejqa tinżel wieqfa għal isfel biex tiħaq ir-raħal ċkejken qisu presepju ta' **Għar Żerriegħa**. Hawnhekk għadek sal-lum tara ġemgħa ta' djar abitati nofshom imħaffrin fil-blat u ngastati ġol-faċċata tal-irdum, l-istess bħalma dari kien hemm madwar l-Imtaħleb kollu. Uħud mid-dwejriet huma kemmxejn aktar 'l isfel mill-oħrajn u skont il-mapep isibuhom bħala **Djar Luqa**. Għar Żerriegħa jittawwal għal fuq **Il-Wied ta' Għar Ilma**, fergħa oħra ta' Wied ir-Rum li tibda minn taħt ix-Xagħra tal-Bir u l-artijiet watja ta' biswitha (Il-Qasam u Tal-Kalkara). F'ras dan il-wied hemm sensiela ta' mini oħra tal-ilma, fosthom Għar Ilma nnifsu.

Hawn jixref qortin ieħor imdaqqas, magħruf bħala **Il-Ġebel l-Aħmar**, li jifred il-Wied ta' Għar Ilma mill-Wied tal-Imtaħleb. Dan mhux għajr it-tarf imqabbeż 'il barra tax-Xagħra ta' fuq l-Imtaħleb, u jintlaħaq minn trejqa li tinferaq mit-triq ewlenija tal-Imtaħleb sewwasew fil-quċċata fejn hemm Id-Dar tal-Ħotba u mbagħad tgħaddi bejn din ix-xagħra u **x-Xagħra ta' Bla Ħajt**. Sewwasew f'xifer il-qortin (Il-Ponta), hemm minżel ieħor b'għar kbir ħdejh (**Għar Arloġġ**) li dari kien jintuża bħala remissa. It-trejqa wieqfa li tgħaddi minn dan il-minżel terġa' tofroq fi tnejn sewwasew taħt l-għar, u filwaqt li fergħa minnhom iddur mal-qortin u tieħu lura lejn Il-Wied tal-Imtaħleb u Wied Markozz, l-oħra sserrep 'l isfel lejn Wied ir-Rummien u Għar id-Dwieb u fi triqitha tgħaddi minn ġo wied żgħir li diġà ltqajna miegħu. B'hekk tista' tgħid li dorna dawra sħiħa u erġajna lura minn fejn bdejna.

## EGĦLUQ

F'dan l-artiklu xtaqt ngħaddi ġabra ta' tagħrif mhux biss dwar it-toponomastika ta' waħda mill-isbaħ irkejjen tal-gżira ta' Malta, iżda wkoll dwar ir-rabta li din għandha mal-ambjent naturali, il-pajsaġġ, l-istorja u l-attivitajiet tradizzjonali tal-inħawi. Ippruvajt nagħti stampa kemm jista' jkun iddettaljata, iżda għad hemm informazzjoni nieqsa li jistħoqqilha aktar stħarriġ. L-ewwelnett, f'din il-kitba stess aċċennajt għal widien u għerien li għadni ma sibtx x'igħidulhom. U, bħalma ġrali waqt l-istħarriġ għal artikli oħra, iltqajt ma' numru ta' ismijiet dokumentati ta' mkejjen li s'issa ma nistax ngħid b'ċertezza fejn qegħdin. Ngħidu aħna, x'imkien f'Wied ir-Rum hemm **Għar Għollieqa**, filwaqt li bejn Għajn Tejtes u l-Imtaħleb hemm **il-Ġnien Tan-Naħla** li f'dal-każ qed jirreferi għal siġra tal-palm (li bil-Malti bikri kienet tissejjaħ 'nakħla', l-istess bħall-Għarbi) u mhux għan-naħla bħala nsett. U, tabilħaqq, imxerrdin qalb l-irdumijiet għadek tara xi siġar tal-palm jikbru għalihom waħedhom fis-salvaġġ, aktarx wara li xi għasfur ikun ġab iż-żerriegħa tagħhom mid-deżert. F'xi post qrib l-istess wied jissemma' **Ħal Għul**, raħal ċkejken tal-kampanja (spjegat minn G.F. Abela bħala 'Casale del Serpente, ò Dracone') li aktarx li kien diġà żvinta fix-xejn sas-Seklu XVI peress li d-dokumenti ta' l-1556 jindikawh bħala isem ta' raba' maħdum u fl-1647 jissemma' biss bħala territorju tal-isptar ta' Santu Spirtu. Iżda s'hemm irnexxieli nsir naf. Lanqas ma stajt insib irkaptu ta' fejn jinsabu għadd ta' nixxigħat bħal **Għajn Għorab**, **Għajn Andrija**, **'Aayn Cior'** (forsi Għajn Ċar jew Għajn Ċarċar?), u **Għajn San Gwann** li tinsab ġo wieħed mill-ħafna għerien tal-inħawi. U ma' dawn, ikolli nzid ukoll żewġ widien (**Wied il-Qasab Ħelu** u **Wied il-Berberi**) u r-raba' li bla dubju jinsab ġo, jew ħdejn, wieħed minnhom (Tal-Wilġa ta' Qasab il-Ħelu). Insomma, għad fadal x'niskopru...

**© Alex Camilleri**

## Riferenzi

1. Abela, Gio. Francesco (1647): Della Descrittione di Malta Isola nel Mare Siciliano con le sue Antichità ed Altre Notitie (sic). Edizzjoni facsimile mitbugħa minn Midsea Books Ltd. (1984).

2. Anonima (1733). Skrizzjoni notarili minquxa fil-ġebel mal-faċċata ta' razzett fl-Imtaħleb.

3. Anonima (bla data): Plakka reċenti mwaħħla fl-Għar ta' Baldu "Dan l-ilma ilu fil-Ġnien ta' Baldu mill-1629"

4. Anonima (bla data): Carmelo Borg Pisani. kif deher fuq il-paġna ta' l-Internet http://it.wikipedia.org/wiki/Carmelo_Borg_Pisani, nhar il-31 ta' Awwissu 2013.

5. Anonima (bla data): One World - Protecting the most significant buildings, monuments and features of the Maltese islands (16): Rural complex, Is-Simblija l/o Rabat ġkif deher fuq il-paġna tal-Internet http://www.timesofmalta.com/articles/view/20090704/opinion/one-world-protecting-the-most-significant-buildings-monuments-and-features-of-the-maltese-islands-16.263590, fid-9 ta' Settembru 2013.

6. Aquilina, Joseph (1987): Maltese-English Dictionary. Midsea Books Ltd.

7. Aquilina, Michael (2003). ARAMIS (Arabic Mills and Irrigation systems in the Mediterranean Basin) Project (Malta): research and conservation of medieval site outside Rabat/Dingli. Artiklu fil-gazzetta "The Sunday Times" tad-19 ta' Jannar 2003.

8. Aquilina, Michael (2003). Restoration of Is-Simblija. Artiklu fil-gazzetta "The Sunday Times" tat-2 ta' Frar 2003.

9. Awtorità tal-Ippjanar (1995): Avviż nru. 722 (Skedar ta' Proprjetà - Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, Artikolu 46), ippubblikat f'paġna 5922 tal-Gazzetta tal-Gvern tas-17 ta' Novembru 1995.

10. Bonnici, Alexander (1997): Knisja Qadima f'ġieħ Marija Bambina Fl-Imtaħleb. (Serje: Kappelli u Knejjes Filjali fir-Rabat: 2). Kitba ppublikata fi "Il-Festi Tagħna – Rabat" n. 21 (1997) u riprodotta fil-paġna ta' l-Internet http://www.mtahlebchurch.com/storja%20tal-knisja%20ta%27%20l-imtahleb.pdf, kif dehret nhar it-30 ta' Awwissu 2013.

11. Buhagiar, Keith (2003): L-Għar ta' Baldu Water Gallery. Artiklu fil-gazzetta "The Sunday Times" tas-16 ta' Novembru 2003.

12. Buhagiar, Keith (2012): Revisiting Wied ir-Rum: Some recent archaeological discoveries. Melita Historica Vol. XVI Nru 1.

13. Buhagiar, Mario (1999): The Norman Conquest of Malta, ippublikat fi Xuereb, P. (ed.) Karissime Gotifride. Malta University Press.

14. Castagna, Pietro Paolo (1866): Lis Storia ta Malta Bil Gzejer Tahha (sic). Edizzjoni facsimile mitbugħa minn Midsea Books Ltd. (1985).

15. Ciantar, Noel (bla data): Kappelli Maltin: Il-Kappella Medjevali fis-Simblija - Limiti ta' Ħad-Dingli kif deher fuq il-paġna tal-Internet http://www.kappellimaltin.com/html/is-simblija.html, nhar l-1 ta' Settembru 2013.

16. Grima, Noel (2011): The unexplored wonders of Wied ir-Rum. kif deher fuq il-paġna tal-Internet http://www.independent.com.mt/articles/2011-10-02/news/the-unexplored-wonders-of-wied-ir-rum-299555/, nhar is-6 ta' Settembru 2013.

17. Jaccarini, Carol J. (1998). Ir-Razzett – The Maltese Farmhouse. Dan il-ktieb fih ritratti ta' rziezet qodma fil-Wied tal-Imtaħleb u f'Tal-Merħla

18. Kunsill Lokali Ħad-Dingli (bla data): Is-Simblija kif deher fuq il-paġna tal-Internet http://www.dingli.gov.mt/default.aspx?MDIS=749, nhar id-9 ta' Settembru 2013.

19. Mizzi, Laurence (2002): Il-Każ Borg Pisani Sittin Sena Wara. Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd.

20. Pedley, Martyn, Hughes Clarke, Michael & Galea, Pauline (2002): Limestone Isles in a Crystal Sea: The Geology of the Maltese Islands. Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd.

21. Rolé, Avertano (2007): The Terraced Landscapes of the Maltese Islands. Ippubblikat f'Pedroli B, Van Doorn A, De Blust G, Paracchini ML, Wascher D & Bunce F (ed. 2007). Europe's living landscapes. Essays on exploring our identity in the countryside. Landscape Europe/ KNNV.

22. Vella, Clifford (2011): L-Imtieħen tat-Tħin tal-Qamħ fil-Gżejjer Maltin. Printit Ltd.

23. Wettinger, Godfrey (1974): Some Maltese Medieval Place-Names of Archaeological Interest. Atti del Colloquio Internazionale di Archeologia Medievale (Palermo-Erice 20-22 settembre 1974). Istituto di Storia Medievale, Università di Palermo.

24. Wettinger, Godfrey: The Lost Villages and Hamlets of Malta. F'Medieval Malta, ed. A.T. Luttrell, Londra, 1975 pġ. 181-216.

25. Wettinger, Godfrey (2000): Place-Names of the Maltese Islands ca. 1300-1800. Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd.

Komunikazzjonijiet personali:

1. Dr David Mallia, 1990s

2. Jesmond Muscat (minn Ħad-Dingli), 1999

3. Manwel "il-Malel" (sajjied min-Nigret, Iż-Żurrieq), 2005

4. Michael Galea (mir-Rabat), 2000

5. Toni Galea (sajjied f'Għar id-Dwieb), 1994

6. Dr Vincent Depasquale, 1990s

7. Bdiewa (anonimi) f'dawn il-lokalitajiet: Misraħ Suffara (1993); Is-Simblija (1993); Għar Żerriegħa (1993 & 2003); Wied ir-Rum (1994); Wied Markozz (1999); Wied il-Ħut (1999); u Għajn Tajba (1999 & 2000)

8. Kaċċaturi (anonimi) f'dawn il-lokalitajiet: Wied ir-Rum (1995)

9. Nassaba (anonimi) f'dawn il-lokalitajiet: Ta' Ħammud (1995); u Is-Sies ta' Qara' Rebbiegħ (2001)

10. Sajjieda (anonimi) f'dawn il-lokalitajiet: Miġra l-Ferħa (1995); L-Irdum tas-Sarġ (2000); Il-Blata tal-Melħ (2001); L-Irdum tal-Vigarju (2002); Ras id-Dawwara (2004); Ix-Xaqliebi (2004); u Għar id-Dwieb (2006).